MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 94/2007

**Keyland Co. Limited (C17837)**
**u Dots Limited (C31924)**

**Vs**

**Josephine Xuereb (ID 460572M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex, prevja d-dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-konvenuta ddekadiet mill-obbligi taghha fuq il-konvenju tas-27 ta' Novembru 2006 (kopja annessa mal-avviz u mmarkata Dok A) minghajr ebda raguni valida skond l-istess konvenju u/jew skond il-ligi, is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) rapprezentanti danni pre-likwidati dovuti mill-konvenut lis-socjetajiet rikorrenti skond l-istess konvenju u li sad-data tal-avviz ghadhom mhux imhallsa, bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Frar 2007 u bl-ispejjez kollha inkluz taz-zewg ittri ufficjali

datati 22 ta' Frar 2007, kollox kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra id-dokument anness mal-istess rikors promotur a fol 2 et seq tal-atti u markat "Dok A" specjalment il-paragrafu enumerat "wiehed" (1) a fol 3 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Mejju 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess rikors u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3000 ossija €6988.12 bl-imghax legali mit-22 ta' Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------